# ANTIFONA *per S. Giuliano* (1902) ta' Alberto Vella
# It-tieni parti




Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Kif kont wgħedtkom, fit-tieni u l-aħħar parti ta' dan l-artiklu li jitratta l-*Antifona per S. Giuliano* ta' Mro. Alberto Vella ser inkun qed nispjega b'mod mill-aktar dettaljat minn xiex inhuma magħmulin il-varji taqsimiet tagħha – liema tabella għandkom issibuha f'paġna 66 tal-*Annwal tal-Knisja l-Antika ta' San Ġiljan* 2015. M'għandniex xi ngħidu li, din l-analiżi sħiħa ser tkun ukoll akkumpanjata minn eżempji mużikali li permezz tagħhom wieħed ikun jista' ifiehem lill-qarrej b'mod aktar ċar, speċjalment lil dawk li għandhom ħjiel, żgħir jew kbir, fil-qari mużikali. Ma jonqosx ukoll li, fost affarijiet oħra, niddeskrivi t-tipi differenti ta' ħjata mużikali li minnhom dan ix-xogħol ta' Vella huwa msensel.

Kliem muftieħ: Antifona, Antifona per San Giuliano (1902), Mro. Alberto Vella, Annwal tal-Knisja l-Antika ta' San Ġiljan, Soċjetà Mużikali 'Spinola' San Ġiljan.

**TAQSIMA A** (b. 01 – 28):




L-introduzzjoni ($00^1$ – $00^3$) ma tistax tkun aktar konċiża milli hi. Biex inkun eżatt fl-għadd, hi tieħu mill-ewwel kwart sal-ewwel nofs kwart tar-raba' taħbita, għax fin-nofs kwart li jifdal jidħlu mill-ewwel il-vuċijiet. Hija tindaqq biss mill-istrumenti tal-korda fl-unisonu, u mill-ewwel tissettja r-ritmu ta' din l-ewwel taqsima f'postu. Għalkemm wieħed ma jistax jgħoddha li din tifforma xi, jew parti minn, tema prinċipali, ir-rwol tagħha hu li tagħti l-ewwel imbottatura. Il-mod kif inhija mibnija tagħti impetu tajjeb għall-attività ritmika li tiġi warajha. Jekk wieħed josserva ritmikament sew, l-ewwel mossa ssir minn kroma bil-punt u żewġ biskromi, segwita minn kroma, ilkoll fuq in-nota DO. Minn hemm titla' lejn it-terza tal-korda tonika (MI) fl-ewwel nofs kwart tat-tielet taħbita - in-nota RE (immarkata bl-ittra 'exxe') hija waħda barranija u għaldaqstant ma tiffurmax parti minn dan it-trijade - u wara li terġa' tinżel lejn id-DO (tieni nofs kwart tat-tielet taħbita), tispara 'l fuq lejn il-kwinta (SOL) fl-ewwel nofs kwart tar-raba' taħbita. Ikun mingħalik li, l-introduzzjoni ma fiha xejn xi tgħid dwarha, imma hi għandha ħila ġġor biżżejjed elementi ġerminali li minnhom tista' mbagħad tissawwar il-mużika!

Parti (a) ($01^4$ - $11^3$): Din il-parti hija l-ewwel waħda minn sensiela ta' sentenzi, li meta tgħaqqadhom ilkoll flimkien jiffurmaw Taqsima A. Dan ifisser li, f'din il-parti ser jiġi introdott l-ewwel fażi ta' dan is-suġġett li aħna qed insejħulu Suġġett A. (Fit-tieni taqsima imbagħad, ser niltaqgħu mat-tieni suġġett u nkunu qedin insejħulu Suġġett B.)

Qabelxejn, għalkemm mhemm l-ebda marki ta' volum, wieħed irid jassumi li fl-introduzzjoni huwa wieħed għoli (*forte*). Iżda, x'jiġri mbagħad f'din l-ewwel parti jew sentenza ta' għaxar battuti? Hija tiftaħ bl-aktar mod sempliċi billi tagħmel użu minn l-ewwel ħames noti tal-iskala tad-DO Maġġuri, i.e. DO, RE, MI, FA u SOL, liema noti huma preċeduti min-nota sensibbli (SI). Jekk naqsmu l-ewwel frażi ($01^4$ – $05^3$) f'segment tal-ftuħ u tweġiba komplementari nsibu li, f'tal-ewwel, il-mużika tibda *in aria* u titla' b'mod skalat sa ma tmiss id-dominanti (SOL) fit-tieni battuta, biex minn hemm terġa' tinżel għan-nota medjanti (MI). Fil-każ tat-tieni waħda, din tgħaddi mill-istess proċess melodiku/ritmiku, bid-differenza li, hawn għandna n-noti mill-istess skala neżlin minflok tielgħin. Dan ifisser li, it-tieni parti ta' din il-frażi hija l-inverżjoni eżatta tal-oħra li biha fetħet din is-sentenza.




Wieħed ma jistax ma jikkumentax fuq in-nuqqas ta' individwalità ta' karattru f'dik li hi binja melodika u għażla ta' akkorjdi li jistgħu jlewnuha. Meta wieħed jibbaża ruħu fuq dan it-tip ta' ħsieb meta jiġi biex joħloq melodija, iċ-ċansijiet huma li ser tkun nieqsa mis-sens kreattiv għar-raġuni li jkun jonqosha dawk il-motivi li jistgħu jgħanuha u jsostnuha. Konsegwenza ta' hekk, meta tisma' l-ewwel nofs tas-sentenza tagħtik impressjoni li ġa tkun smajt ħafna bħalha qabel f'xogħlijiet ta' kompożituri oħrajn, u li kieku mhux għax misqjuqa minm ritmu dinamiku, tabilħaqq kienet tkun waħda mingħajr ruħ ta' xejn, jekk mhux ukoll ċassa. Importanti ħafna li, il-motiv ikun irid ikollu dik il-*punch*, jew forza effettiva, li permezz tagħha x-xogħol jikseb il-karattru tiegħu u jagħmlu wieħed oriġinali.

It-tieni frażi (b. $5^4$ – $11^3$) hija twila sitt battuti u tibda bl-istess mod bħal dik li ġiet qabilha, imma mbagħad, tmur biex tagħlaq permezz ta' grupp kandenzjali. F'dawn l-aħħar erba' battuti wieħed jinnota wkoll l-użu tal-awmentazzjoni, jew biex ngħidha b'mod aktar sempliċi, titwil fil-valuri tan-noti li jinsabu f'battuti 3 u 4. Dan jgħin biex l-inżul tal-melodija jieħu aktar fit-tul. Hemm ukoll l-użu tas-sekwenza li jagħti aktar forma ordnata f'dik li hi linja melodika billi jirrepeti l-istess motiv għal diversi drabi (kif jidhru mmarkata fl-eżempju minn 'a' sa 'd'). L-eżempju ta' hawn taħt għandu mnejn juri dan li qed ngħid b'mod aktar ċar:




Parti (b) ($11^4$ - $19^3$): Din hi magħmula minn sentenza ta' tmien battuti, li tinqasam f'żewġ frażijiet daqsinsew. Dan ifisser li, dak li tgħid waħda, tgħidu l-oħra wkoll, bid-differenza biss li tat-tieni hija

ton ‘l isfel. Il-mużika hi mibnija fuq l-hekk imsejjaħ marċ tal-kwinti li jitlaq mill-korda tas-settima dominanti (**MI** – SOL# - SI – RE) f’battuta 12 u jirsolvi fuq dik tat-tonika in **LA** Minuri tliet battuti wara. It-tieni frażi tagħmel l-istess ħaġa billi tinżel tarġa, bil-korda tas-settima dominanti (**RE** – FA# - LA – DO) f’battuta 16 tirsolvi fuq dik tat-tonika in **SOL** Maġġuri tliet battui wara. Mela, jekk minn **MI** sa **LA** taħtha tgħodd kemm hemm gradi ssib li hemm ħamsa, li jammontaw għal tliet toni u nofs ton. L-istess jiġri meta tgħodd minn **LA** sa **RE** taħtha, u minn **RE** sa **SOL** taħtha. Kif qedin taraw, bis-saħħa ta’ dan l-hekk imsejjaħ marċ tal-kwinti, jew kif ġieli nsibuh ukoll, ċiklu tal-kwinti, il-mużika jirnexxilha timmodula minn DO Maġġuri għal-SOL Maġġuri. Dawn it-tip ta’ passaġġi aħna nsejħulhom episodiċi, u li normalment, ma jkunux jħaddnu elementi tematiċi daqstant b’saħħithom, għax kif rajna, ir-rwol tagħhom hu biex jgħin fl-effetwar tal-modulazzjoni. Dan minbarra wkoll li jgħinu jżommu d-diskors mużikali għaddej. Hawn taħt qed inġib l-ewwel frażi bħala eżempju:




Kif qed taraw, dan il-passaġġ, minbarra li jikkuntrasta bil-kbir ma’ dak ta’ qablu f’dik li hi ħjata mużikali, fejn il-wieħed huwa omofoniku fil-ħoss, u allura għandu struttura vertikali, filwaqt li l-ieħor huwa polifoniku, u allura aktar lineari f’imġiebtu, joffri wkoll ċertu nteress mużikali. Dan huwa dovut l-aktar għal mod kif ġie orkestrat dan il-passaġġ, fejn fuq naħa l-waħda għandek il-kurunetta sola takkumpanja lit-tenur prim, imma ottava fuqu, fuq it-tieni naħa għandek il-korda kollha fl-unisonu li qed iddur bħal żugraga fuq motiv ostinat, magħmul minn semimina marbuta mal-ewwel minn sett ta’ erba’ semikromi, u li dan tużah bħala pedala fejn in-nota MI qegħda sservi ta’ pern għaż-żewġ akkordji – dak tas-settima dominanti (**MI** – Sol# - SI – RE) u l-ieħor tat-toniku (LA – DO – **MI**), u fuq it-tielet naħa għandek il-bqija tal-istrumenti tan-nifs, injam u ram, joħolqulek dawk l-inċiżjonijiet qosra, imma jaqtgħu, fil-partijiet forti, jew qawwijin, ta’ kull battuta li tgħaddi. L-istampa li toħroġ minn dan kollu hija waħda drammatika għall-aħħar.

Xtaqt ngħid kelma wkoll hawnhekk fuq id-daqq tal-*cornetta sola* li, l-użu tagħha donnu kien sar ħafna moda fil-kitba tal-antifoni tat-tieni nofs tas-seklu dsatax, u l-ewwel kwart tas-seklu li għadda. Huwa minnu li, il-ħoss tagħha jaf ikun dinjituż, solenni, u maestuż, imma li tużaha l-ħin kollu żgur li ser titlef mill-effett tagħha, u taf tkunlek ukoll ta’ detriment għall-bqija tax-xogħol minħabba li tista’ twaqqgħu f’monotonija. Dan ngħidu wkoll għat-timpani għax inħoss li hemm wisq interventi min-naħa tagħhom, fil-biċċa l-kbira jkunu rollijiet, bil-konsegwenza li, il-widna tgħejja tisma’ dak it-tisbit u damdim kollu l-ħin kollu għaddej. Jista’ jagħti l-każ ukoll li, aċċidentalment il-kirja ta’ par, jew aktar, kienet tkun waħda għolja, il-kompożitur allura tabilħaqq għaraf jagħmel l-aħjar użu minnhom billi jtiehom ħafna xogħol x’jagħmlu, speċjlament fl-ewwel u t-tielet taqsima! U kieku stess wieħed kellu jiġi biex vera idoqq in-noti skont kif imqabbla mal-mużika li tkun għaddejja dak il-ħin, isib li, ta’ mill-anqas trid tliet, jekk mhux erba’, timpani. Dan minħabba l-fatt li kif inhi miktuba l-mużika għalihom, mhux possibli li taqleb min-nota għall-oħra permezz tal-intunar tradizzjonali, li dak iż-żmien ma kienx isir bil-pedala. Wisq nissuspetta li, wara kollox dawn ma kienu timpani xejn għajr xi forma ta’ tambur mdaqqas skurdat (bħal ngħidu aħna, fi żmenijietna, xi

*floor tom* u bil-ġild merħi). B'dan il-mod, għalkemm, meta jindaqq ma toħroġ l-ebda nota fissa, ikun jista' xorta waħda jimla kif jista' bil-ħoss perkussiv tiegħu.[1]

Parti (ċ) ($19^4$ - $27^3$): Din ukoll tinkludi tmien battuti, maqsuma f'żewġ frażijiet regolari. Fiha għadna nassistu għal-logħba min ser jirbaħ bejn iż-żewġ kjavi ewlenin, dik tad-DO u l-oħra tas-SOL, it-tnejn Maġġuri. Fill-fatt din tintrebaħ minn tal-aħħar, imma r-riżultat jitħabbar mhux qabel ma tibda t-tieni taqsima. Dan għall-fatt li, il-modulazzjoni sseħħ ħabta u sabta f'battuta 28, imma fuq dan nitkellmu aktar tard. Intant, din it-tielet sentenza ġġib magħha tiġdid mużikali, speċjalment fejn tidħol orkestrazzjoni. Nimmaġina li, dan il-passaġġ għandu jindaqq għall-ewwel bil-mod (*piano*), u mbagħad jibda jżid ftit ftit fil-volum (*crescendo*) minn battuta 24 'il quddiem, sa ma jilħaq *forte* fl-aħħar tas-sentenza, u b'hekk din it-taqsima tagħlaq fuq nota tajba u b'saħħitha. U minkejja li, passaġġ bħal mhu dan għandu tramma armonika sempliċi għall-aħħar, jekk mhux ukoll rudimentali, jaf ikunlek mexxej u joħloqlok dak l-effet ħelu li jinżel għasel mad-dilettanti tal-antifoni. U biex indewwaqkom ftit mit-tjubija ta' dan il-passaġġ qed inġibilkom l-ewwel frażi (b. $19^4$ – $23^3$) bħala eżempju:




Hawnhekk għandna eżempju sabiħ ta' orkestrazzjoni stil Mozartjan fejn il-vjolini primi u sekondi qedin ddoqqu pizzikat, i.e. daqq bil-qris tal-kordi bis-swaba' minflok bl-ark. L-arpeġġi, li huma mibnijin fuq akkordji jalternaw tas-settima dominanti u t-toniku, kollha jibdew mill-korda mhux mirfusa tas-SOL, waħda mill-erbat iwtar li fuqhom jikkorda ruħu l-vjolin, u jitilgħu mgħola ottava u nofs u żewġ ottavi rispettivament. Il-kumplament, vjolinċell u kuntrabaxx, jinżlu bin-noti ritmati b'mod skalat permezz tad-daqq bl-ark. Magħhom jinżel ukoll bl-istess mod l-ofiklajde. Min-naħa tagħhom mbagħad, hemm l-istrumenti tal-injam, fejn il-flawt, l-obwe, u l-klarinett, bejniethom jinsġu xibka armonjuża bid-daqq ta' noti twal u akuti, bħal donnu velu sonori ġej min-naħa ta' fuq u li mhu mdendel ma mkien. Ma' dan il-kor tal-fjat jingħaqdu wkoll il-korni. U xi ngħidu għat-twerdin li qajla tittendi bih ġej min-naħa tal-kurunetta? Dawn l-iskwilli ostinati huma mibnijin fuq

[1] Dil-ħaġa niftakaraha sewwa ssir meta kont għadni daqsxejn ta' ġuvnott indoqq il-klarinett fl-orkestra tal-MCI ġewwa l-*ballroom* tal-Phoenicia taħt il-bakketta tas-Surmast Carmelo Pace, fejn konna nkunu fuq in-naħa ta' wara fl-istess linja mal-perkussjoni li kienet tikkonsisti f'dan it-tambur skurdat biss! Għax meta l-finanzi ma jippermettux, wieħed bilfors ikollu jirrikorri għal dan it-tip ta' rimedju. Dan qed ngħidu wkoll fid-dawl ta' dak li kiteb Joseph Vella Bondin fil-ktieb tiegħu *Il-Mużika ta' Malta fis-Sekli Dsatax u Għoxrin*, paġni 83-6, meta ġie biex jitkellem dwar il-mużika tas-Surmast Giuseppe Vella, missier Alberto. (Ma ninsewx li, it-tlitt aħwa subien kienu jgħinu lill-missierhom fil-qadi ta' dmirijietu bħala *Maestro di Cappella* tal-Katidral ta' Malta.) L-awtur jattribwixxi parti min-nuqqas ta' attenzjoni u apprezzament tal-mużika ta' Vella x-xiħ mal-fatt li kienet ittieħdet deċiżjoni min-naħa tal-Kapitlu li jitnaqqas l-għadd ta' mużiċisti li jdoqqu waqt il-funzjonijiet reliġjużi, bil-konsegwenza li, sal-aħħar tas-seklu dsatax, l-organiku kien jikkonsisti biss f'orgni, tliet vuċijiet u tliet vjolini! Dan it-tiċkin fl-organiku kien jinkludi wkoll it-tneħħija tat-tromba. L-argument tiegħi jkompli jissaħħaħ ukoll meta wieħed iħares lejn il-partitura oriġinali u jsib li l-parti tat-timpani hija kollha miktuba fit-tielet spazju, indipendentament minn jekk l-akkordji jinbidlux jew le, u sta għal tat-timpani li minn tambur skurdat jipprova joħroġ, jekk mhux żewġ noti b'intonazzjoni differenti, għallanqas żewġt iħsejjes, il-wieħed ibjex mill-ieħor.

nota waħda, is-SOL, liema nota sservi ta' pern peress li hija komuni fiż-żewġ akkordji hawn fuq imsemmija. Tajjeb ngħidu hawnhekk ukoll li, iż-żewġ trumbuni u t-timpani mhumiex parteċipi f'dawn l-erba' battuti.

Punt interessanti ieħor li xtaqt naċċenna fuqu huwa l-mod ta' kif gruppi differenti ta' strumenti qedin jimxu fid-direzzjoni opposta ta' xulxin. Hekk mela, filwaqt li fuq in-naħa l-waħda għandek il-flawt, il-vuċijiet tenuri, u l-vjolini primi u sekondi tielgħin bin-noti, u fuq in-naħa l-oħra għandek il-vuċi baxxa, il-vjolinċelli u l-kuntrabaxxi, l-ofiklajde, u l-klarinett neżlin bihom. Min-naħa tagħhom, l-obwe, iż-żewġ korni, u l-kurunetta jżommu linja oblikwa, li la tmur l-ebda naħa. Għax għandkom tkunu tafu li, it-tħaddim ta' moviment hekk imsejjaħ kuntrarju huwa mod tassew dinamiku ta' kif tista' tqajjem il-mużika fuq ruħha. Dan biex ma nsemmux ukoll il-kuntrast li jinħoloq bejn il-mod lixx li bih jimxu ċerti strumenti, speċjalment dawk tal-fjat, u l-ħoss stakkat ġej min-naħa tal-vjolini. Dan ukoll huwa mod ieħor ta' kif tista' toħloq perspettiva tajba fil-mużika.

Meta niġu għat-tieni frażi (b. $23^4$ – 27) insibu li, is-sitwazzjoni tibqa' l-istess waħda, għajr għal vjolini li jeqilbu għall-użu tal-ark biex jiġu jinstemgħu aktar, issa li qed noqorbu lejn tmiem l-ewwel taqsima. Wieħed jista' jsemmi wkoll l-element kromatiku fl-armonija f'battuta 24 fejn tidħol is-settima diminwita mibnija fuq is-sotto dominanti wara li din tal-aħħar tkun ġiet mgħollija b'nofs ton. Akkordju bħal mhu dan bilfors li ser jiġbed l-attenzjoni meta l-mużika li tkun ġiet qabel dejjem żammet fidila mat-tonalità li wellditha. U la qed nitkellmu fuq armonija, nżid ngħid wkoll li, dawn l-erba' battuti xogħolhom huwa li, bejniethom jikkostittwixxu grupp kadenzjali b'saħħtu biżżejjed għalbiex jagħti sens ta' għeluq lil din l-ewwel taqsima.




Battuta 28: Għall-kuntrarju tal-grupp kadenzjali, din il-battuta, li jiena qed insejħilha sempliċiment ħolqa (dik li bl-Ingliż insejħulha *link*) tgħaqqad it-taqsima l-qadima ma' dik il-ġdida. Din, jien inxebbahha ma' twejqa li tagħti għal fuq ġnien mużikali li għadna ma rfisnix ġo fih biex inkunu nistgħu nduqu mill-benna tiegħu. Issa, biex ħolqa taħdem tajjeb tkun trid iżżewweġ xi karatteristiċi miż-żewġ naħat. F'dan is-sens, battuta 28 taqdi din il-funzjoni tajjeb billi, fuq in-naħa l-waħda tagħmel użu sħiħ mir-ritmu tal-battuta li ġiet qabilha, i.e. semiminima + kroma bil-punt + semikroma + semiminima + kwart aspett, u fuq in-naħa l-oħra sservi ta' fus armoniku, peress li l-korda tat-toniku f'battuta 27 tissarraf f'dik tas-sotto-dominanti fil-kjavi l-ġdida tas-SOL Maġġuri. Li kien jonqos mbagħad hu li, filwaqt li żżomm id-DO bħala n-nota komuni għaż-żewġ akkordji, timxi għas-settima dominanti billi jtella' l-bqija tan-noti ton 'l fuq. F'din il-battuta wkoll, iż-żewġ trumbuni u t-timpani (bis-soltu roll tiegħu) jingħaqdu mal-bqija tal-orkestra, filwaqt li l-vuċijiet maskili jistrieħu ftit. Il-kuruna fuq l-aħħar kwart tal-battuta tindika biex kulħadd imur għal pawsa qasira.

**TAQSIMA B** (29 – $61^1$)

Dit-taqsima hi mmarkata *Largo*, li jfisser temp li jimxi bil-lajma, u hija l-itwal waħda minn fost it-tlieta peress li fiha 33 battuta. Dawn il-battuti huma mqassmin f'introduzzjoni qsajra bħalma kellna fl-ewwel taqsima, u erba' sentenzi ta' tmien battuti l-waħda. M'għandniex xi ngħidu li, bħala moviment ser nassistu għal waqtiet li jmorru lill-hinn mir-rambaġġ li konna mdorrijin bih qabel. Minflok, ser ikollna mumenti sbieħ ta' ġabra devozjonali fejn, strumenti bħat-trumbuni, l-ofiklajde u t-timpani ser jibqgħu siekta għal ħinijiet twal. Saħansitra t-tenur sekond ser jibqa' fommu sieket biex iħalli liż-żewġ vuċijiet maskili l-oħra mgħannqin fi dwett intimu!




L-introduzzjoni (b. $29^1$ - $29^3$): Qabelxejn, nixtieq ngħid li, mill-andament tagħha, nassumi li l-volum f'din it-taqsima għandu jkun

wieħed baxx (*piano*). Dwar l-introduzzjoni, għalkemm din kulma fiha huma tliet kwarti biss, għax fir-raba' wieħed jidħlu mill-ewwel il-vuċijiet, minnha xorta waħda nistgħu nkunu nafu x'xejra ser jieħu r-ritmu in ġenerali f'din it-taqsima għalbiex jakkumpanja lill-vuċijiet. Wieħed malajr jinduna, mill-eżempju li ġibt, li l-akkumpanjament huwa wieħed sempliċi għall-aħħar, u li qed iżomm fuqu nnifsu b'mod mill-aktar delikat, bħal donnu f'ċaqlembuta, fejn iż-żewġ partijiet iwieżnu lill-xulxin permezz tal-kontrapiż. Fih għandek, fuq in-naħa l-waħda l-vjolini sekondi u l-korni, u fuq in-naħa l-oħra l-vjolinċelli u l-kuntrabaxxi.[2] Kif ser naraw ukoll, din l-idea ta' ċaqlembuta, ta' ritmu li jiġri minn strument għall-ieħor, jew ta' melodija li tmur minn id għall-oħra, tipperpetwa ruħha saħansitra fi strati differenti tal-mużika tul din it-taqsima kollha.



Parti (d) (b. $29^4$ – $37^3$): Din hi magħmula minn tmien battuti li, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha ta' qabilha, wieħed jista' jaqsamha f'żewġ frażijiet. U, bl-akkumpanjament ġa mħejji f'postu, s-sodda issa hi mifruxa għalbiex it-tenur prim u l-baxx jidħlu jkantaw mingħajr dewmien ta' xejn. Mill-eżempju t'hawn taħt wieħed malajr jinduna li l-vuċijiet qed ikantaw l-istess linja melodika imma f'intervalli ta' tliet gradi 'il bogħod minn xulxin, bil-baxx jieħu, naturalment, in-naħa ta' taħt. U biex dan il-kontro-bilanċ ikompli jaħdem kif suppost, il-vjolini primi u l-kurunetta jingħaqdu mat-tenur u l-baxx rispettivament billi jdoqqu ottava fuqhom. Tip ieħor ta' kontro-bilanċ insibuh ukoll fid-dħul tal-flawt fit-tieni parti ta' kull frażi, fejn, bid-daqq akut tiegħu, bħal donnu jrid jikkomplementa lil kulħadd. Il-kontro-bilanċ jinsab saħansitra fl-istess noti li fuqhom hi mibnija l-melodija. Dan l-element, fil-fatt, jinsab f'kull sotto-frażi. Jekk nieħdu l-ewwel waħda (b. $29^4$ - $31^3$), din diġa' tibda *in aria*, bħal donnu tkun trid lil xiħadd min itiha dik l-ewwel imbuttatura biex tibda titbandal. Issa, jekk wieħed jħażżeż linja bejn il-minima ta' battuta 30 u s-semimina fit-tielet kwart tal-battuta li tiġi warajha, jsib li n-noti ta' bejniethom jiffurma kurva żgħira li, għall-ewwel kemm kemm titbewwaq, u mbagħad titla' tistrieħ ftit, qabel ma terġa' tinżel lejn il-punt tat-tluq. Fil-każ tat-tieni waħda (b. $31^4$ – $33^3$) għandna sitwazzjoni simili ħafna, fejn fiha jiġi ntrodott ukoll is-sinkopé, li fih innifsu joħloq element ta' kontrotemp. Fit-tieni frażi (b. $33^4$ - $37^3$) kollox jibqa' l-istess, bid-differenza li tmiemha jagħti aktar sens ta' għeluq.




Parti (e) (b. $37^4$ – $45^3$) Kif mistenni, iż-żewġ elementi ta' bilanċi u kontro-bilanċi ser ikomplu jinfirxu hawnhekk ukoll. Nibdew bl-akkumpanjament. Fih insibu żewġ tipi ta' tbandiliet b'ġirja differenti minn ta' xulxin. Fuq in-naħa l-waħda għandek il-vjolini sekondi bit-tbandila tagħhom taħbat kull żewġ taħbitiet, bl-ewwel tixjira tikkonsisti f'arpeġġ tas-semikromi, u bit-tieni waħda f'akkordju miksur tal-kromi, bħal donnu dan tal-aħħar irid ifisser li l-bandla ġejja lura b'anqas saħħa milli tkun telqet. Il-bandla l-oħra li qed joħolqu il-vjolinċelli u l-kuntrabaxxi tidher li, jew hija ta' daqs akbar, jonkella qed timxi aktar bil-mod. Hi x'inhi r-raġuni, dawn jispiċċaw jitbandlu b'tali mod li kull tixjira teħdilhom battuta sħiħa biex imorru minn




[2] Fil-każ ta' dawn tal-aħħar ma nafx jekk ikunx aktar propizju jekk jdoqqu pizzikat minflok jużaw l-ark.

LA għal RE. Din tagħhom tista' tittieħed ukoll f'sens ieħor fejn, il-kromi jirrappreżentaw il-bidu ta' kull imbuttatura ċkejkna li permezz tagħha l-vjolini sekondi kull darba jispiċċaw jitbandlu 'l hawn u 'l hinn.

Fil-każ tal-melodija, is-sens ta' kontro-bilanċ bejn il-vuċijiet akkumpanjati mill-istrumenti rispettivi tagħhom tibqa' tinżamm hawnhekk ukoll. Id-differenza qegħda fit-tixjir tal-bandla, li minn żewġ battuti jestendi ruħu għal erbgħa, i.e. kull frażi ta' erba' battuti issa tokkupa tbandila waħda u mhux tnejn. Dan ifisser ukoll li, il-mużika issa qegħda taqbad sew ir-ritmu tagħha, u bil-mod il-mod nibdew noqorbu lejn il-klajmakx. Imma għad fadal x'interrqu.

Fil-fatt, hemm tip ieħor ta' bilanċjament għaddej, it-tielet fix-xorta tiegħu f'dan il-passaġġ, li huwa ġdid għal kollox. S'issa, il-mużika dejjem inħietet bi ħjata omofonika, fejn il-vuċijiet huma akkumpanjati bl-akkordji min-naħa tal-orkestra. Iżda, f'din il-parti jiġri li, iż-żewġ vuċijiet ser jibdew jaħdmu b'mod kontrapuntali biex il-kwalità lineari tagħhom tkun tista' toħroġ aktar fil-beraħ. Din it-tip ta' kitba mużikali, hekk imsejħa polifonika, hija wkoll mod ieħor ta' kif inti tista' tqiegħed żewġ vuċijiet, jew aktar, f'kefef differenti bla ma tħalli 'l wieħed jiżbilanċja lill-ieħor. U huwa prorpju dan li qed jiġri fl-eżempju li ġibtilkom hawn taħt. Poġġejthomkom fuq żewġ pentagrammi separati biex tkunu tistgħu ssegwu aħjar x'inhuwa għaddej:




Għalkemm l-eżempju t' hawn fuq immarkajtu daqslikieku kien in RE Maġġuri minħabba l-preżenza tad-DO#, dan il-passaġġ fil-fatt dejjem għandu t-tonalità ta' SOL Maġġuri bħala l-kjavi li beda biha. Dan għamiltu biex nevita ħafna kumplikazzjonijiet f'dak li hu klassifikar ta' akkordji. Għax fil-fatt, dak li qed jiġru hu li qed isir użu mid-dominanti tad-dominanti ($^{V}/_{V}$) u d-dominanti (V) b'mod li jalternaw. Biex nifthemu, jekk is-SOL Maġġuri hija t-tonalità li tlaqna biha, mela r-RE Maġġuri hija d-dominanti, filwaqt li l-LA Maġġuri hija d-dominanti ta' din tal-aħħar. Ftehmna hekk? Jekk le ma ġara xejn, ħu l-akkordji kif niżżilthom fl-eżempju, i.e. in RE Maġġuri. U la qedin nitkellmu fuq dawn iż-żewġ akkordji, tajjeb li ngħidu li, dawn jibqgħu sejrin jalternaw ma' xulxin tul is-sentenza kollha, bit-tieni wieħed kull darba jirsolvi ruħu wara li jkun dabbar sospensjoni doppja. Huwa biss f'battuti 45 li dan ma jiġrix. Ħaġ' oħra hija li, fil-każ tal-kurunetta, din issa ngħaqdet mat-tenur, filwaqt li l-vjolini primi ngħaqdu mal-baxx. Dan seta' jsir minħabba kwistjoni ta' reġistru, biex il-kurunetta ma tgħoliex wisq 'il fuq, imma tibqa' f'wieħed ngħidulu ġentili. B'konsegwenza t'hekk, il-flawt tilef ir-rwol li kellu ftit qabel, filwaqt li, il-korni, għalkemm waqfu mid-daqq tar-ritmu, xorta waħda baqgħu jagħtuna l-LA bħala pedala li fuqha bħalissa l-armonija qed tistrieħ.

Parti (f) (b. $45^4$ – $53^3$): Din tikkonsisti f'sentenza oħra ta' tmien battuti, li jerġa' tinqasam b'mod nett f'żewġ frażijiet ta' erba' battuti l-waħda. Dan għaliex, kemm l-imġieba fl-akkumpanjament, kif ukoll il-progressjoni tal-akkordji, hija waħda differenti minn ta' xulxin. Għalkemm din il-parti tista' tittieħed bħala l-kontinwazzjoni ta' parti (e), xorta waħda għandha xi affarijiet interessanti ġodda x'wieħed jista' jitkellem dwarhom. Ibda biex, huwa l-baxx li jidħol ikanta l-ewwel wieħed, imma m'għandu lil ħadd 'l min jista' jgħinu fil-kant. Għall-kuntrarju, meta warajh imbagħad, jidħol it-tenur prim, iktar f'forma ta' tweġiba milli ħaġ'oħra, dejjem ser isib il-vjolini jsusu warajh żewġ ottavi 'l fuq. Hawn xtaqt insemmi wkoll l-użu tan-nona bħala nota fil-parti tat-tenur prim (imdawrin b'ċirku f'battuti 46 u 48) għax b'kulurha żgur li ser tolqot il-widna. In-nona hija nota addizzjonali fuq is-settima fit-trijade dominanti li, fil-każ tagħna tiġi taqra hekk: RE – FA# - LA – DO – **MI**.

Issa, biex l-affarijiet ikunu ċari ser naqsam is-sentenza fi tnejn u nitkellem fuq kull waħda separatament:




Mela, kif konna qedin ngħidu, f'din il-frażi (b. $45^4$ - $49^3$) l-istrumenti tal-korda jibdlu xi ftit l-istil tagħhom fil-mod kif jakkumpanjaw lill-vuċijiet, bil-vjolini sekondi jmorru għal tremolu ritmat li jilgħab bejn żewġ noti, b'waħda minnhom tkun dejjem in-nota fus, u l-vjolinċelli u l-kuntrabaxxi jimxu fuq l-istess figura ritmika li, permezz tagħha, jistabbilixxu l-alternanza taż-żewġ kordi in kwestjoni, i.e. dik tas-settima dominanti u l-oħra tat-tonika (dejjem in SOL Maġġuri). Minbarra dawn, fl-akkumpanjament hemm jgħinuhom wkoll xi strumenti tar-ram li ma jinkludux lit-trumbun sekond u lill-ofikljade. Huma jdoqqu repetizzjoni tal-istess motiv ritmiku ċkejken li jdur biss fuq l-istess nota bħala tweġiba għall-ewwel kroma li tkun ġejja mill-istrumenti l-baxxi tal-korda. U hawn bħal tqum kommozzjoni żgħira bejn is-sezzjonijiet differenti tal-orkestra u kollox jidher li ser tintlaħaq xi forma ta' klajmaks. Imma stennew ftit ieħor, għax għad fadal il-frażi l-oħra (b. $49^4$ – $53^3$) ġejja:




Għalkemm il-vjolinċelli u l-kuntrabaxxi baqgħu jżommu l-istess figura ritmika li bdew biha fl-ewwel frażi, mhux l-istess jista' jingħad għall-vjolini sekondi peress li dawn qelbu għal ritmu differenti fejn l-irfis tiegħu jinvolvu d-daqq ta' żewġ noti f'daqqa. U filwaqt li, it-trumbun prim jiskot, il-korni jibqgħu jimlew il-battuti sal-aħħar, u l-kurunetta terġa' ddur għad-daqq tal-melodija flimkien mal-baxx. Il-vjolini primi ukoll jerġgħu jmorru lura jdoqqu mat-tenur prim li, min-naħa tiegħu, bin-nota zokkrija tan-nona f'ħalqu għall-aħħar darba (imdawra b'ċirku f'b. 52) jgħin biex sa' fl-aħħar iġib din is-sentenza tabilħaqq fi tmiemha fil-battuta ta' wara. Fil-fatt, din tagħlaq bl-istess mod ritmiku kif għalqu l-aħħar żewġ battuti tal-ewwel taqsima.

Parti (ġ) (b. $53^4$ – $61^3$): Li ngħidu li din il-parti hija l-qofol ta' din it-tieni taqsima għandha mnejn tinħass xi ftit anomala peress li, ħlief għaż-żewġ soli, m'hemm xejn aktar għaddej fiha. U huwa proprju din l-anti-klajmaks li tiġbed l-attenzjoni tagħna. Vella, hawnhekk jissorprendina billi, minflok juża s-saħħa kollha li tista' tagħtih l-orkestra, jagħżel li jmur l-estrem l-ieħor, u jħalli l-vuċijiet ikantaw *a cappella*. Din hija forsi d-daqqa tal-imgħallem.

Bħala sentenza, parti (ġ) ukoll tinqasam f'żewġ frażijiet, bl-ewwel waħda titkanta mit-tenur prim, u l-oħra mill-baxx ottava taħt. Kull frażi tibda b'akkordju mill-orkestra kollha fuq l-ewwel kwart tal-battuta, li hu intiż biex jaħsad lill-udjenza bl-istess mod kif jiġri fit-tieni moviment tas-*Surprise Symphony* Op. No. 94 ta' Haydn. L-orkestra tagħmel dan eżatt wara li jkun daħal *in aria* wieħed miż-żewġ vuċijiet fil-battuta ta' qabel, u għaldaqstant, iservi ta' grillu, li meta jfaqqa' jixkatta kollox warajh. Fil-fatt, dak hu li jagħmel it-tenur meta b'salt wieħed jitla' ottava mis-SOL t'isfel għall-oħra ta' fuqha. Iżda, ejja nġibu hawnhekk l-eżempju għal aktar skrutinju:




Darba hemm fuq, it-tenur prim iżomm in-nota għal ftit tal-ħin (ma neħodhiex bi kbira li din in-nota jżommuha aktar mill-valur tagħha) qabel ma jerġa jibda nieżel b'mod kromatiku lejn in-nota dominanti (RE) fil-battuta ta' wara. Hawn, bħal donnu jitħajjar jibqa' nieżel lejn id-DO# (li hija nota kromatika awżiljari), imma malajr jibdielu, u minn hemm jerġa' jibda tiela' bl-istess mod illi bih kien għadu kif niżel. Fejn hemm immarkat *orkestra* fl-eżempju lejn l-aħħar tal-frażi jindika l-post fejn jidħlu b'saħħa tremenda numru ta' strumenti jdoqqu arpeġġ nieżel tas-settima dominanti. Il-lista tinkludu biss lill-kurunetta, iż-żewġ trumbuni, l-ofiklajde, il-vjolinċelli u l-kuntrabaxxi.

**TAQSIMA Ċ** (b. $61^2$ – 89)

Għalkemm din it-tielet taqsima fiha biss żewġ sentenzi, jekk ngħoddu magħhom il-koda tal-aħħar, in-numru ta' battuti jitla' eżatt għall-istess ammont li nsibu fl-ewwel waħda. Ta' min jgħid li, il-kelmiet *Più Mosso* huma mniżżlin bil-lapis fuq il-partitura oriġinali u, għaldaqstant, mhux bilfors li dan it-temp kien fil-ħsieb tal-kompożitur. Jista' jkun li kien hu stess li żiedu wara li ħareġ l-ispartit, jista' jkun ukoll li xiħadd ieħor iddeċieda floku għax ħaseb li antifona trid tkun dejjem maqsuma fi tliet taqsimiet daqsinsew, u bl-aħħar waħda tkun f'temp li, jekk ma jkunx aktar mgħaġġel minn, talanqas ikun mpar ma' dak tal-ewwel taqsima. Kif ser naraw ukoll, il-koda tkun dejjem magħmula b'tali mod li tippermetti lit-temp biex jaċċelera ruħu għal tmiem aktar eċċitanti. Intant, hija biss fanfarra ċkejna min-naħa tal-kurunetta sola li tiftaħ is-siparju għal fuq din it-taqsima. Din l-introduzzjoni qsajra hija tal-istess tul u mod ta' kif infetħu ż-żewġ taqsimiet l-oħra, u li bħalhom, isservi ta' mutur li bih jistartja l-mekkaniżmu kollu.

Parti (g) (b. $61^2$ – $69^1$): Anke f'din it-taqsima jidher li ser inkomplu bis-saga ta' tmien battuti kull sentenza. Wisq nibża' li dan il-fattur jista' jdgħajjef xi ftit lix-xogħol billi jirrendieh wisq sistematiku. Mill-banda l-oħra, din ir-regolarità assoluta f'dawk li huma tulijiet ta' sentenzi jagħmilha aktar faċli għal min jiġi biex janalizza din l-antifona.

Meta wieħed jiġi biex jisma' l-ewwel frażi (b. $61^2$ – $65^3$) jinduna mal-ewwel li din it-tema diġà konna ltqajna magħha lejn tmiem it-tieni taqsima fejn jidħol is-solo tat-tenur prim (b. $53^4$ - $57^1$). L-uniku differenza bejniethom hi biss l-użu tas-sinkopé:



Fiha kulħadd huwa parteċipi minbarra t-trumbun sekond u t-timpani. Fil-każ tat-tenur sekond u l-baxx imbagħad, dawn jidħlu flimkien meta jmisshom fl-unisonu. Mill-bqija l-istampa ma tantx tinbidel f'dik li hija orkestrazzjoni. Imma b'xi mod jew ieħor kulħadd jipprova jdeffes rasu kif jista': it-tenur prim huwa mgħejun mill-vjolini primi u mit-taqsima tal-istrumenti tal-fjat, bl-obwe u l-klarinett issa jingħaqdu mal-flawt fit-tieni parti ta' kull frażi, filwaqt li mat-tenur sekond u l-baxx jingħaqad ukoll it-trumbun prim. Il-kurunetta għalissa għadha twedwed fuq l-istess nota pern. Il-korni, min-naħa tagħhom jagħmlu l-istess xogħol tax-vjolini sekondi, filwaqt li l-vjolinċelli u l-kuntrabaxxi jibqgħu jissupplixxu l-istess żewġ akkordji jalternaw.

Il-frażi l-oħra (b. $65^4$ – $69^1$) tibda bl-istess mod bħal ta' qabilha imma tagħlaq kif ġej:




Parti (għ) (b. $69^3$ – $79^1$): U b'hekk naslu għat-tieni u l-aħħar sentenza li nzertat fiha disa' minflok is-soltu tmien battuti. Din twassalna eżatt sal-*prima volta* fejn hemm immarkata r-replika, li jfisser li, kollox irid jerġa' jindaqq sa mit-tieni battuta 'l quddiem, u mbagħad, wara li naqbżu l-ewwel waħda, immorru fis-*seconda volta* fejn hemm tistenniena l-koda. Biex nifhmu aħjar x'ikun għaddej f'din il-parti, tajjeb li naqsmuha fi tliet frażijiet kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| Frażi 1: | b. $69^3$ – $71^2$ | = 2 battuti |
| Frażi 2: | b. $71^4$ – $75^3$ | = 4 battuti |
| Frażi 3: | b. $75^4$ – $79^1$ | = 3 battuti |



L-ewwel frażi tiftaħ billi timmodula ħabta u sabta lejn is-sopra-toniku (II), xiħaġa li ma konniex qed nistennewha. Hija waħda minn għadd żgħir ta' sopriżi li l-kompożitur kellu lest għalina. F'din il-frażi wkoll, jerġgħu jidħlu t-timpani permezz tar-roll li jkompri ż-żewġ battuti. L-istrument l-ieħor li kien għadu ma daħalx, it-trumbun sekond, issa daħal ukoll, biex b'hekk l-orkestra issa tinsab għaddejja fl-aqwa tagħha.

Min-naħa tagħhom, it-tieni u t-tielet frażi joffru l-istess materjal li jikkonsisti fi gruppi kadenzjali. Ta' min jgħid hawn li, fil-partitura oriġinali battuti 77 u 78 ġew maqtugħin minn xiħadd bis-sinjal tas-salib, li jfisser li, min hu ried li wara li tgħaddi l-ewwel battuta ta' frażi 3 il-mużika tmur dritt għall-*prima volta*. Jien ħassejt li kelli nippreservahom u għaldaqstant qed ngħoddhom mal-bqija tal-battuti, li wara kollox jagħmel sens għax, kif għidna aktar 'l quddiem, l-ammont ta' battuti f'din it-taqsima huwa l-istess bħal dak tal-ewwel waħda. Li kieku kelli nneħħi dawn iż-żewġ battuti, ix-xogħol jitlef il-bilanċ estetiku tiegħu. Il-battuta l-oħra, dik tal-*prima volta,* hija l-istess waħda bħal tal-introduzzjoni.

Koda (b. 80 -89): Huwa proprju hawnhekk li wieħed jibda' jistenna li t-temp jaċċelera f'salt wieħed b'tali mod li jwassal għal tmiem mill-aktar eċċitanti. Għal dan il-għan, il-koda hija maqsuma f'żewġ frażijiet ta' erba' u sitt battuti rispettivament fejn, fl-ewwel waħda l-vuċijiet ikunu għadhom għaddejjin fl-aqwa tagħhom jkantaw l-aħħar kelmiet mit-test tal-antifona. Minn hemm imbagħad,

il-mużika tiegħu żvolta differenti, bl-aħħar rawnd ikun imiss lill-membri tal-orkestra li jaraw kif ser jagħmlu biex iġibu ix-xogħol fi tmiem mill-aktar storbjuż possibli! Dan jirnexxielhom jagħmluh bl-akbar abbiltà billi l-vjolini jinfexxu jħanxru t-tremuli, it-timpani billi jfaqqa' roll twil sal-punt li jċarrat il-ġlud, u l-bqija tal-istrument, injam u ram, billi jonfħu b'kemm għandhom saħħa l-aħħar ftit semiminimi li jkun għad fadal tal-akkordju toniku.

N.B. L-*Antifona per S. Giuliano* ta' Mro. Alberto Vella, u fuq arranġament tiegħi għall-banda, ser tindaqq fil-knisja ta' Lapsi nhar il-Ġimgħa 19 ta' Awwissu waqt Kunċert mis-Soċjetà Mużikali Spinola taħt id-direzzjoni ta' Mro. Aldo Minuti. Din ser tkun l-ewwel darba li, banda Ġiljaniża ser iddoqq l-arranġament għall-banda ta' din l-Antifona.

GLOSSARJU:

Arpeġġ: Noti ta' akkordju li jindaqqu wara xulxin bħal f'arpa. Fil-fatt, il-kelma hi ġej mill-mod kif tindaqq l-arpa.

Intervall: Huwa qies li bih tkejjel id-distanza bejn nota u oħra. L-intervall jiġi kkalkulat permezz tal-għadd ta' gradi li jingħaddu minn isfel għal fuq. Intervalli li ma jissuperawx l-ottava jissejħu sempliċi, filwaqt li dawk li jissuperawha jiseejħu komposti.

Kontrapunt: Għaqda ta' żewġ melodiji jew aktar b'figuri ta' noti differenti li meta tqiegħdhom flimkien dawn jagħmlu sens mużikali.

Motiv: L-iqsar unità melodika/ritmika mużikali li tagħmel sens. Żewġ noti b'ton differenti huma biżżejjed biex tifforma wieħed. Tema jista' jkun fiha wieħed jew aktar.

Nota sensibbli: Hija dik in-nota li tiġi s-seba' waħda fl-iskala jekk tgħodd tgħodd in-noti minn isfel għal fuq. Tissejjaħ hekk għax tkun trid tirsolvi għal fuq it-tonika (jew l-ewwel nota tal-iskala).

Omofonija: Mużika miktuba b'linja waħda ta' meolodija bil-vuċijiet jew partijiet oħra jimxu magħha billi jagħmlu kordi li jservu ta' akkumpanjament.

Organiku: Grupp li jagħti esekuzzjoni mużikali. Dak fil-mużika ekklesjastika jkun jinkludi lis-surmast, l-organista, il-kantanti, u l-instrumentalisti.

Polifonija: Mużika magħmula minn żewġ linji melodiċi differenti, jew aktar li, meta jitkantaw jew jindaqqu flimkien, joħolqu armonija jew sens mużikali.

Sinkopé: Kelma li tiddeskrivi daqq bl-iskossi. Dan jifforma ruħu meta nota taħbat b'mod li nofs il-valur tagħha jaqa' fuq il-parti forti u n-nofs l-ieħor fuq id-debboli. Nota tista' ssir sinkopata wkoll permezz tal-legatura. Mod ieħor ta' kif tista' toħloq is-sinkopé huwa billi iddaħħal it-twaqqif jew aspetti fuq il-parti qawwija u n-noti fuq dik dgħajfa, dak li aħna nsejħulu kontratemp.

Skala: Kelma ġejja mit-Taljan li tfisser sellum. Fil-lingwaġġ mużikali din tfisser progressjoni ta' noti singoli 'l fuq u/jew 'l isfel, fejn kull nota tiegħu l-isem partikolari tagħha. Kull skala, hekk magħrufa diatonika, fiha tmien noti u tibda u tispiċċa bl-istess waħda. Kelma oħra għal skala hija gamma.

Tremulu: ripetizzjoni ta' nota waħda b'ħeffa kbira.

Unisonu: Daqq minn strumenti differenti imma li jaqblu fil-leħen, fit-ton, u fl-istess noti mużikali.

BIBLIOGRAFIJA:

Ara l-Annwal tal-Knisja l-Antika ta' San Ġiljan 2015, paġna 68.